

**Kawżi magħquda C-231/06 sa C-233/06**

**Office national des pensions**

**vs**

**Emilienne Jonkman u H el ene Vercheval**

**u**

**No lle Permesaen**

**vs**

**Office national des pensions**

(talba għal de izzjoni preliminari mressqa mill-  
Cour du Travail ta' Brussell)

“Trattament ugwali ta' l-irgħiel u n-nisa — Skema statutorja ta' pensjoni — Direttiva 79/7/KEE — Air hostesses — Għoti ta' pensjoni ugwali għal dik ta' stewards — H las f'daqqa ta' kontribuzzjonijiet ta' regolarizzazzjoni — H las ta' interessi — Prin ipju ta' effettivit  — Obbligi ta' Stat Membru derivanti minn de izzjoni preliminari”

Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali J. Kokott, ippreżentati fid-29 ta' Marzu  
2007 . . . . . I - 5152  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Ġunju 2007 . . . . . I - 5172

## Sommarju tas-sentenza

1. *Politika soċjali — Trattament ugwali bejn irġiel u nisa f'materja ta' sigurtà soċjali — Direttiva 79/7*  
(*Direttiva tal-Kunsill 79/7*)
2. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-dritt Komunitarju*  
(*Artikolu 10 KE*)

1. Id-Direttiva 79/7, dwar l-implementazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, ma tipprekludix lil Stat Membru, meta jadotta liġi li jkollha l-iskop li tippermetti lil persuni ta' sess determinat, oriġinarjament suġġetti għal diskriminazzjoni, li jibbenifikaw għat-tul kollu ta' l-irtirar tagħhom mill-iskema ta' pensjoni applikabbli għall-persuni tas-sess l-ieħor, milli jissuġġetta din l-affiljazzjoni għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ta' regolarizzazzjoni li jikkonsistu fid-differenza bejn il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuni oriġinarjament suġġetti għal diskriminazzjoni matul il-perjodu li fih kien hemm id-diskriminazzjoni u l-kontribuzzjonijiet ogħla mħallsa mill-kategorija l-oħra ta' persuni matul l-istess perjodu, miżjuda bl-interessi biex tiġi kkompensata l-iżvalutazzjoni monetarja.

bejn l-irġiel u n-nisa, għandha tkun effettiva. F'dan ir-rigward, l-imsemmija direttiva tipprekludi lill-imsemmi Stat Membru milli jeżiġi li l-imsemmi ħlas tal-kontribuzzjonijiet ta' regolarizzazzjoni jkun miżjud b'interessi oħrajn milli dawk li huma intiżi li jikkompensaw l-iżvalutazzjoni monetarja. Din id-direttiva tipprekludi wkoll li jkun meħtieġ li dan il-ħlas isir f'daqqa, meta din il-kundizzjoni tagħmel ir-regolarizzazzjoni msemmija impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli. B'mod partikolari, dan huwa l-każ meta s-somma li trid titħallas taqbeż il-pensjoni annwali tal-persuna kkonċernata.

(ara l-punti 27, 28, 35 u d-dispożittiv 1)

Madankollu, kull miżura meħuda minn Stat Membru sabiex jikkonforma ruħu mar-regoli tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju ta' ugwalfjanza tat-trattament

2. Wara li tingħata deċiżjoni preliminari li minnha jirriżulta nuqqas ta' kompatibbiltà ta' liġi nazzjonali mad-dritt Komunitarju, ikun l-obblig u ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru kkonċernat li jieħdu

l-miżuri ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw l-osservanza tad-dritt Komunitarju, billi b'mod partikolari jassiguraw ruħhom li, fl-inqas żmien possibbli, id-dritt nazzjonali jsir konformi mad-dritt Komunitarju u li d-drittijiet ta' l-individwi taħt id-dritt Komunitarju jkunu jistgħu jiġu invokati.

Meta tiġi kkonstatata diskriminazzjoni li tmur kontra d-dritt Komunitarju, sakemm ma jkunux ġew adottati miżuri

li jerġgħu jistabbilixxu t-trattament ugwali, il-qorti nazzjonali hija obbligata li ma tapplikax kull dispożizzjoni nazzjonali diskriminatorja, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha mil-leġislatur, u li tapplika għall-membri tal-grupp żvantaġġat l-istess skema li tibbenefika minnha l-kategorija l-oħra.

(ara l-punt 41 u d-dispożittiv 2)